Minuti tat-tlieta u ~~tal-~~ħamsin (~~52~~53) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fis-Sala tal-Kommunita nhar id-29 ta' Settembru 2011 fil-5.30pm.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi Sindku: | Is-Sur Anthony Borg |
| Kunsilliera: | Is-Sur Victor Cefai<br>Is-Sur Horace Micallef<br>Is-Sur Lorry Apap |
| Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Karl Vella |

## 1. TALBA

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permezz ta' talba.

## 2. QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill li l-Minuti tal-laqgħa preċedenti kien għadhom mhux lesti.

## 3. QARI TAL-MEMOS, KORRISPONDENZA PRINĊIPALI U ILMENTI / SUĠĠERIMENTI

### 3.1 Memos

3.1.1 Memo 77/2011 – Ħruġ ta' riċevuta fiskali mill-Kunsilli Lokali
3.1.2 Memo 78/2011 – Sistema ta' infurzar – kuntratti
3.1.3 Memo 79/2011 – Kontroll fuq il-firxa tal-bumunqar l-aħmar
3.1.4 Memo 80/2011 – Training needs analysis (kwestjonarju u laqgħat ta' konsultazzjoni)
3.1.5 Memo 81/2011 – Mistoqsija Parlamentari Numru 28023
3.1.6 Memo 82/2011 – Festival kutrumbajsa – Festival Internazzjonali għat-tfal u ż-żgħażagħ
3.1.7 Memo 83/2011 – A.L. Tal-2011 – Ordni Tal-2011 Li Jemenda L-Ordni Dwar Id-Delega Ta' Infurzar Lill-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali (Emenda Nru. 2)
3.1.8 Memo 84/2011 – It-Tħaris Tal-Ordnijiet Permanenti Waqt Il-Laqgħa Tal-Kunsill
3.1.9 Memo 85/2011 – Ħlas Ta' Multi Fl-Uffiċċji Tal-Kunsilli Lokali
3.1.10 Memo 86/2011 – Laqgħat Dwar It-Training Needs Analysis

Kunsill Lokali Fontana
Multi-Purpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

3.1.11 Memo 87/2011 – Skema Ta' Finanzjament Ta' Proġetti Speċjali 2011. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel li japplika għat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku.
3.1.12 Memo 88/2011 – Promoting Sustainable Partnerships – Attivita' Organizzata Mill-MEUSAC Għal Kunsilli Lokali
3.1.13 Memo 89/2011 – Attivitajiet Fil-Lokalitajiet B'Risq Il-Malta Community Chest Fund
3.1.14 Memo 90/2011 – Skema Dwar Inizjattivi Sportivi Fil-Lokalitajiet 2012. Il-Kunsill qabel li jerġa' japplika għall-attivitajiet li kien applika għalihom fis-sena preċedenti.

**3.2 Korrispondenza Prinċipali**

3.2.1 Ġejna nfurmati li t-tiġdid tal-kuntratt tad-Day Centre f'Għajnsielem ser jiġi ffirmat nhar id-9 ta' Settembru 2011 fil-11.00am.
3.2.2 Il-Kunsill Lokali tal-Għarb stieden lill-Kunsill sabiex jattendi għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum l-Għarb. Dawn ser ikunu nhar it-29 t'Awissu 2011 fis-7.30pm.
3.2.3 Irċivejna *email* mingħand l-Enemalta fejn talbuna biex nibgħatu l-*emails* kollha ndirizzati lilhom fuq customer.care@enemalta.com, u mhux fuq *emails* personali.
3.2.4 L-uffiċċju tal-MEUSAC f'Għawdex kienu talbuna sabiex jagħmlu użu mis-Sala tal-Komunita' għal seminar li hu ser jorganizzaw nhar it-22 ta' Settembru 2011 bejn is-6.00pm u it-8.30pm. Il-Kunsill kien qabel li għandu jiġi mħallas l-ammont ta' €100, kif stipulat fil-*Bye Law* li kien ħareġ il-Kunsill. Il-MEUSAC iddeċidew li jħassru dan is-seminar peress li ma kienx hemm rispons tajjeb.
3.2.5 Ġejna nfurmati li l-MEUSAC u l-MEPA ser jorganizzaw seminar li jitratta l-miżuri li qed tieħu Malta fil-konfront tal-*waste and noise management*. Dan is-seminar ser jiġi organizzat nhar it-13 ta' Settembru 2011 fil-Grand Hotel, Mġarr.
3.2.6 L-Onor Said ikkonferma li kien ser jieħu l-passi meħtieġa sabiex jinħatar Aġent Segretarju Eżekuttiv għat-tlett ġimgħat li s-Segretarju Eżekuttiv ser ikun imsiefer.
3.2.7 ~~Nhar it-18 ta' Settembru 2011 i~~Il-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi ~~bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Fontana~~ organizza *weekend* ta' attivitajiet fil-bajja tax-Xlendi. Il-Kunsill Lokali tal-Fontana qabel li jieħu sehem f'din l-attivita u għalhekk ~~Il-Kunsill Lokali tal-Fontana kien qabel li j~~qabel li jħallas €350 għal kiri tal-*Water Fun Park* għall-ġurnata tal-Ħadd 18 ta' Settembru 2011.
3.2.8 Il-Perit Ivana Farrugia bgħatet lista ta' kumpanija li joffru s-servizz ta' pprintjar fuq perspex. Ir-raġuni hi li l-Kunsill ser jagħmel tabella ħdejn l-Għajn il-Kbira li fiha ser ikun hemm informazzjoni, b'diversi lingwi, rigward iż-żona.
3.2.9 Bħas-snin li għaddew, il-Kunsill ġie nfurmat li dalwaqt ser terġa tingħata t-tilqima kontra l-influwenza. Il-Kunsillier Victor Cefai ppropona li hu jerġa jieħu ħsieb li jiġbor il-lista tal-persuni fil-lokalita' li jkunu jridu jitlaqmu kontra l-influwenza. Il-membri tal-Kunsill qablu.
3.2.10 Il-MEPA saqsewna jekk fil-*Fontana Playing Field* hemmx plakka bil-logo tal-MEPA u tal-UIF.

**4. GĦOTI TA' OFFERTI**

**4.1 FONQ 05/2010 – *Supply and Delivery of Street Lighting in Various Streets of Fontana***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar l-20 ta' Settembru 2011 kienet saret laqgħa oħra tal-bord tal-evalwazzjoni dwar l-offerta għas-sistema ġdida tad-dawl *Energy Saving u Environmental Friendly*. Is-Sindku qal li wara li l-Bord iddiskuta r-rapport imħejji mill-Ing. Mario Galea dwar l-offerti li ġew sottomessi u fuq is-*samples* ta' Calleja Ltd. u ta' Richard Cauchi, il-Bord irrakkomanda li l-għaxar fanali ta' Triq il-Qalb ta' Ġesu għandhom ikunu *Option A* tal-offerta ta' Richard Cauchi. Il-Kunsill qabel ma' din id-deċiżjoni tal-Bord. Is-Sindku nforma wkoll li fis-27 ta' Settembru 2011 ġie ffirmat il-Kuntratt ma' Richard Cauchi biex jitwaħħlu l-ewwel għaxar fanali fi Triq il-Għajn, mill-Knisja 'l isfel ħdejn ir-*railing* u Pjazza l-Għejjun wara li l-Kunsill kellu risposta mid-Dipartiment tal-Kuntratti li din l-offerta setgħet tinqasam. Is-Sindku rrimarka wkoll li fil-laqgħa ta' kontinwazzjoni tat-48 Laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-21 ta' Ġunju 2011, f'paragrafu 3,3 ma tniżżlux Option B - €20,105.20 u Option C - €6,905.00.

**4.2 FONQ 07/2011 – Kisi mill-ġdid ta' toroq bil-hot rolled asphalt**

Is-Sindku nforma lil Membri tal-Kunsill li għalkemm kienet ħarġet l-offerta u l-Perit Angelo Portelli kien wiegħed lil Kunsill li d-dokument tal-offerta kien ser ikun lest fil-ħin, dan ma seħħx. Għaldaqstant hu nforma lill-membri tal-Kunsill li l-offerta kellha tiġi estiża sal-31 t'Ottubru.

**4.3 FONQ 08/2011** – Is-Sindku qal li l-Inginier tal-Kunsill kien oriġinarjament ipprepara d-dokument bit-titlu ta' *Supply, installation, testing and commissioning of an additional PV system for the Public Garden in Fontana,* pero' dan ma kienx korret u għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv ippubblika avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern li emenda t-titlu għall-*Supply, installation, testing and commissioning of an additional PV system*. Is-*Schedule of Tender* qiegħda tiġi annessa mal-Minuti.

## 5. APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET

Il-kontijiet mehmużin ma' dawn il-minuti ġew approvati mill-membri tal-Kunsill.

## 6. MATERJI OĦRA

6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s~~S~~aret ħarġa soċjo kulturali għar-residenti tal-Fontana. Żorna u kellna quddiesa fil-knisja parrokjali t'Għajnsielem fl-okkażżjoni tal-festa u wara kelna ħin liberu Marsalforn. Attendew 21 persuna fosthom is-Sindku.

6.2 Sar Sportfest organizat mill-Parroċċa bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill, il-Kunsill Malti għall-Isport u s-Segretarju Parlamentari għal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku qassam

*memento* tal-okkażżjoni lil parteċipanti kif wkoll lir-rebbieħa. Attenda wkoll il-Kunsillier Horace Micallef.

6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-applikazzjoni tal-iskema eko-Għawdex fil-Ministeru għal Għawdex għat-tkomplija tat-toroq tal-Fontana bis-sistema tad-dawl *Energy Saving* u Environmental Friendly; għat-tindif u rijabilitazzjoni ta' Wied ix-Xlendi, kif ukoll għall-boroż *biodegradable* għas-separazzjoni tal-iskart. Saret ukoll l-applikazzjoni għall-attivita kulturali *Fireworks Festival* fl-uffiċċju reġjonali għal Għawdex.

6.4 Dwar il-proġett tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku, s-Sindku nforma lill-Kunsill li sar il-bdil tal-perit tal-proġett minn Anna Marie Attard Montalto li ġiet impjegata mal-MEPA għall-Perit Gordon Vella li jaħdem fl-istess kumpaniji. Il-Perit ta il-livelli tat-taqtiegħ tal-blat u li hemm bżonn li jsir *trenching* minħabba l-Knisja Parrokkjali u l-Fond 190 fi Triq il-Għajn. Is-Sindku nforma wkoll li kien inġibed filmat mis-Sur Alvin Scicluna tal-post 191 fi Triq il-Għajn qabel ma nqalgħet in-niċċa tal-Madonna ta' Lourdes u beda t-twaqqiegħ tiegħu fid-29 t'Awwissu 2012. In-niċċa u l-istatwa tal-Madonna ngabru taħt it-taraġ tal-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku u 'l quddiem jerġgħu jitpoġġew fil-faċċata taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku nforma wkoll li [ie ordnat rixtellu mingħand is-Sur Pupul Attard, minħabba raġunijiet ta' *safety* waqt li jkunu qed isiru x-xogħolijiet ta' bini fuq iċ-Ċentru. Qal ukoll li l-kanen li ntużaw huma minn tal-Kunsill.

6.5 Is-Sindku attenda għal-laqgħa oħra tal-Kumitat Reġjonali li saret fl-uffiċċju tal-Banca Giuratale.

6.6 Nhar l-1 ta' Settembru s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Perit Angelo Portelli li ġie nkarigat mill-kunsill biex isir it-tqaxxir u kisi bit-tarmak fi Triq l-Isptar San Ġiljan u parti minn Triq il-Għajn (minn Pjazza Santu Wistin sa Triq il-Kappillan Ġużepp Hili).

6.7 Nhar it-2 ta' Settembru s-Sindku attenda għal-laqgħa fiċ-Ċentru OASI, fejn ta' l-kummenti tiegħu dwar "Research on young People in Gozo ". Din l-intervista saret min Dr. Claire Bonello.

6.8 Is-Sindku qal li ħarġet l-offerta tal-Kunsill għax-xogħol bit-tarmak fi Triq l-Isptar San Giljan u f'parti min Triq il-Ghajn.

~~Sar it-tindif tal-ħażna tal-ilma tal-Għajn il-Kbira mill-ħaddiema tal-Kunsill.~~

6.9 Is-Sindku qal li ġie ffimat il-kuntratt dwar it-tiswija bit-tarmak ta' diversi toroq. Dan ġie iffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u mis-Sur Mario Gatt ta' Gatt Tarmac Limited.

Kunsill Lokali Fontana
Multi-Purpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

6.10 Is-Sindku qal li ġie ffirmat it-tiġdid tal-kuntratt għaċ-Ċentru tal-Anzjani f'Għajnsielem. Dan ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, rappreżentanti tal-Ministeru għal Għawdex u rapprenżentanti tal-Moviment Azzjoni Soċjali.

6.11 Is-Sindku qal li attenda għal *International Conference – Gozo Heritage in Stone* li saret fiċ-Ċentru tal-Arti fiċ-Ċitadella organizzata mil-Kunsill Lokali tal-Qala.

6.12 Is-Sindku qal li saret attivita sportiva fil-bajja tax-Xlendi. Din ġiet organizzata flimkien mal-Kumitat Amministrativ tax-Xlendi.

6.13 Is-Sindku ressaq kwotazzjoni ta' Charlie Curmi għal 4 arbli tal-*stainless steel* sabiex dawn jitpoġġew fis-Sala tal-Komunita' sabiex ikunu jistgħu jitwaħħlu l-bnadar magħhom. L-istima kienet ta' €763. Il-membri tal-Kusill qablu li jaċċettaw din l-offerta.

6.14 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret ukoll il-grada li tevita l-periklu madwar il-funtana fil-*Fontana Playing Field*.

6.15 Is-Sindku nforma li sar il-ħlas tal-Urban Improvement Development Fund tal-MEPA għall-fanali ta' Triq l-Isptar San Ġiljan, dan wara li ġew iċċertifikati mill-Inġinier Mario Galea.

6.16 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-ħażna tal-Għajn il-Kbira hemm erba' nixxiegħat ġol-għar, din ġiet spezjonata mill-ħaddiem tal-Kunsill fil-preżenza tiegħu u s-Sindku qal li hemm bżonn li jsir it-tindif tal-ħama. Il-Viċi-Sindku qal li ser jiħu ħsieb li jitqabbad Michael Refalo mill-Ministeru għall-Għawdex biex isir dan permezz tal-bowżer. Sar ukoll il-ftuħ tal-mina li minn Pjazza l-Għejjun twassal għal Wied Siekel, jidher li hemm ilma mitluf. Hemm bżonn li jinstab xi ħadd li jagħmel dan ix-xogħol.

6.17 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar l-Applikazzjoni għal attivitajiet kulturali li l-Kunsill ġie mitlub biex nibgħatu stima lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-Festival tal-Logħob tan-Nar.

6.18 Is-Sindku qal li d-Dipartiment tal-Eko Għawdex talab *method statement* ta' kif ser isir ix-xogħol kif stipulat fl-applikazzjoni għat-tindif u r-riablitazzjoni tal-Wied ix-Xlendi. Dan intbagħat kif ukoll il-*Bill of Quantities* dwar l-applikazzjoni għall-sistema ġdida tad-dawl fit-toroq.

6.19 Dwar iż-żjara fi Brussel organizzata mill-MEP Simon Busuttil għas-Sindki u l-Viċi-Sindki Għawdxin flimkien mal-Kunsill li ser iħallsu parti mill-ħlas. Is-Sinkdu ppropona li peress li hu ma jistax jattendi minħabba raġunijiet personali, minflok imur il-Kunsillier Victor Cefai. Dan aċċetta u l-Kunsill qabel.

6.20 Dwar il-bini ta' ħajt fi Pjazza l-Għejjun ħdejn ir-Replika tal-Għajn tal-Loġoġ, il-Perita Ivana Farrugia nfurmat lis-Sindku li kien hemm bżonn li jsir D.N.O lill-MEPA peress li qiegħed ħdejn l-Għajn il-Kbira li hija skedata bħala Grad 1.

Kunsill Lokali Fontana
Multi-Purpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

6.21 Is-Sinkdu nforma lill-Kunsill li saret il-ħarġa għal Kemuna u attendew 40 persuna, fosthom is-Sindku.

6.22 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Perit Ivana Farrugia ġiet infurmata biex tapplika għal ftuħ tax-xelter u n-naħa ta' Trejqet ix-Xagħri.

6.23 Wara l-laqgħa li l-Kunsill kellu ma' l-Onor. Dr. Chris Said, ntbagħtu ħaddiema tal-IPSL biex isir ix-xogħol skond il-*method statement* fuq il-*Pumping Station* tad-drenaġġ f'Wied il-Lunzjata peress li hija parti mill-proġett ta' Trejqet Wara l-Idjar. Qed isir il-glugħ ta' fili u titkaħħal mill-ġdid.

6.24 Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel biex jiġi avviċinat Tarċisju Xerri biex il-katusa tal-ilma li tiġbor parti mill-ilma tal-*Playing Field* u l-Knisja li hemm fi Triq ta' Mulejja, tiġi mqabbda mal-ġibja tal-Kunsill. Is-Sindku ppropona wkoll u l-Kunsill qabel biex nitolbu biex issir *Bus Stop* ħdejn dak li qabel kien l-Uffiċċju tal-Kunsill peress li min ikun ġej mix-Xlendi jkollu jieqaf jew ħdejn il-Knisja jew inkella ħdejn is-Seminarju.

6.25 Dwar it-tiżjin tal-Milied, is-Sindku ppropona li ssir laqgħa mal-Kappillan dwar it-tiżjin li jsir f'parti minn Triq il-Għajn peress li ġie nnotat li t-tiżjin qed jonqos ta' kull sena.

6.26 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li ġiet imġedda l-Garanzija Bankarja dwar it-tindif ta' Wied ix-Xlendi li hu fil-konfini tall-Fontana.

6.27 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fl-4 t'Ottubru 2011 ser tkompli l-kumpilazzjoni tal-pulizija konta Maurice Zammit li fiha s-Sindku qed jersaq bħala xhud. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bi żvista, fil-minuti tal-laqgħa qabel bdiet il-kumpilazzjoni ma kienx ġie mniżżel li l-Kunsill kien qabel li jitqabbad jitqabbad l-Avukat John Paul Grech. Il-Kunsill qabel ma' dan.

6.28 Is-Sindku qal li bejn Triq il-Qalb ta' Ġesu u Triq il-Kappillan Ħili qed ikun hemm *traffic jam* kbir waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola Primarja tal-Vajrinġa. Il-Kunsill qabel li nitolbu li jintbagħat *Warden* jew Pulizija jissorvelja t-traffiku.

6.29 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hemm għajdut li ser tingħalaq Triq ir-Repubblika biex it-traffiku ma jinżilx l'isfel, jekk isir hekk ser jkompli jiżdied ħafna t-traffiku fil-Fontana għar-raġuni li min irid jaqsam mill-punent t'Għawdex ikollu jgħaddi biss mill-Fontana jew mit-Triq ta' wara s-Sur. Il-Kunsill qabel li jqabbad lill-Avukat John Paul Grech, biex tinkiteb ittra bl-Avukat. Għalhekk sar qbil li dan għandu jiġi mistieden jmiss biex jiġi diskuss dan is-suġġett.

6.30 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu kien irċieva telefonata mingħand is-Sur Carmel Abela, Direttur tal-Gvern Lokali biex jirrifondi lura l-Onorarja żejda li tħallas matul is-sena 2010. Huwa qallu biex jgħid lis-Segretarju Eżekuttiv biex jaħdem l-Onorarja

żejda li kien tħallas biex b'hekk tiġi rifonduta. Infurmah ukoll li jekk is-Segretarju Eżekuttiv isib xi diffikulta, għandu jkellem lil Espedito Grech li jaħdem Kastilja.

6.31 Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li għandha biex issir ħarġa għat-tfal f'Malta fil-vaganzi tal-bidu ta' Novembru.

6.32 Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk ir-Rapport Amminstrattiv kienx sar. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan għadu m'għamlux.

Il-Minuti ta' din il-Laqgħa ġew ippreparati mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Karl Vella, ġew mibgħuta lill-Kunsill f'Jannar 2012 u ppreżentati u kkoreġuti fil-Laqgħa t'Urġenza tal-Kunsill nhar it-Tlieta 6 ta' Marzu 2012 mis-Sur Joseph Farrugia, Aġent Segretarju Eżekuttiv.

| | |
|---|---|
| ~~Karl Vella~~Joseph Farrugia | Saviour Borg |
| A/Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Fontana
Multi-Purpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt